Nru./No. 20,948
Prezz/Price
€3.96

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 25 ta' Ottubru, 2022
Tuesday, 25th October, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 14,633 - 14,648
Government Notices ..... *14,633 - 14,648*

Avviżi tal-Pulizija ..... 14,648 - 14,649
Police Notices ..... *14,648 - 14,649*

Avviżi lill-Baħħara ..... 14,649 - 14,652
Notices to Mariners ..... *14,649 - 14,652*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 14,652 - 14,656
Employment Opportunities ..... *14,652 - 14,656*

Avviżi tal-Gvern ..... 14,656 - 14,657
Notices ..... *14,656 - 14,657*

Offerti ..... 14,657 - 14,664
Tenders ..... *14,657 - 14,664*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,664 - 14,716
Court Notices ..... *14,664 - 14,716*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1460

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 24 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jimplimenta Miżuri tal-Estimi.

Il-25 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1461

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,945 tad-19 ta' Ottubru, 2022 (Avviż Legali 255 sa 259) u Nru. 20,946 tal-21 ta' Ottubru, 2022 (Avviżi Legali 260 sa 268), rispettivament.

A.L. 255 tal-2022: Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Emenda Nru 3).

A.L. 256 tal-2022: Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas li jippermetti Deroga għal Riċerka Xjentifika fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana).

A.L. 257 tal-2022: Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2022 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni Dwar Deroga li Tippermetti Riċerka Xjentifika fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa tal-2022).

A.L. 258 tal-2022: Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Malvizz u l-Pluviera).

A.L. 259 tal-2022: Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2022 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Istaġun tal-Insib fil-Ħarifa tal-2022 għall-Malvizz u l-Pluviera).

GOVERNMENT NOTICES

No. 1460

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 24 entitled the Budget Measures Implementation Act, 2022.

25th October, 2022

No. 1461

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 20,945 of 19th October, 2022 (Legal Notice 255 to 259) and No. 20,946 of 21st October, 2022 (Legal Notices 260 to 268), respectively.

L.N. 255 of 2022: Environment Protection Act (Cap. 549); Conservation of Wild Birds (Amendment No. 3) Regulations, 2022.

L.N. 256 of 2022: Environment Protection Act (Cap. 549); Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation to Carry out Scientific Research on Seven Finch Species) (Amendment) Regulations, 2022.

L.N. 257 of 2022: Environment Protection Act (Cap. 549); Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation Allowing Scientific Research on Seven Finch Species in Autumn 2022) Regulations, 2022.

L.N. 258 of 2022: Environment Protection Act (Cap. 549); Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening an Autumn Live-Capturing Season for Song Thrush and Golden Plover) (Amendment) Regulations, 2022.

L.N. 259 of 2022: Environment Protection Act (Cap. 549); Conservation of Wild Birds (Declaration on a Derogation for an Autumn 2022 Live-capturing Season for Song Thrush and Golden Plover) Regulations, 2022.

A.L. 260 tal-2022: Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti (Kap. 246); Ordni tal-2022 dwar Żona ta' Portomaso, Estensjoni II, San Ġiljan bħala Żona Speċjali Msemmija.

L.N. 260 of 2022: Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act (Cap. 246); Portomaso Extension II, St Julian's (Designated Special Area) Order, 2022.

A.L. 261 tal-2022: Att dwar l-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (Kap. 422); Regolamenti tal-2022 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa u Xogħol ta' Statistika għall-Entitajiet Pubbliċi.

L.N. 261 of 2022: Malta Statistics Authority Act (Cap. 422); Tax Exemption and Statistical Work for Public Entities Regulations, 2022.

A.L. 262 tal-2022: Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Kumpens lid-Depożitant (Emenda Nru 2).

L.N. 262 of 2022: Banking Act(Cap. 371); Depositor Compensation Scheme (Amendment No. 2) Regulations, 2022.

A.L. 263 tal-2022: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur.

L.N. 263 of 2022: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Motor Vehicles (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 264 tal-2022: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata.

L.N. 264 of 2022: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Traffic Signs and Carriageway Markings (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 265 tal-2022: Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368), Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.

L.N. 265 of 2022: Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368), Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499); Registration and Licensing of Motor Vehicles (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 266 tal-2022: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta.

L.N. 266 of 2022: Employment and Indsutrial Relations Act (Cap. 452); Posting of Workers in Malta (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 267 tal-2022: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Regolamenti tal-2022 dwar Kondizzjonijiet tax-Xogħol Trasparenti u Prevedibbli.

L.N. 267 of 2022: Employment and Indsutrial Relations Act (Cap. 452); Transparent and Predictable Working Conditions Regulations, 2022.

A.L. 268 tal-2022: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Ordni tal-2022 tal-Kunsill tal-Pagi tal-Pjattaforma Diġitali għall-Konsenja.

L.N. 268 of 2022: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Digital Platform Delivery Wages Council Wage Regulation Order, 2022.

Il-25 ta' Ottubru, 2022

25th October, 2022

Nru. 1462

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR SERVIZZI GĦAS-SAĦĦA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:

No. 1462

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR HEALTHCARE SERVICES

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Is-Sur Clarence Pace	Aġent Direttur Servizzi għas-Saħħa *Acting Director Healthcare Services*	Saħħa *Health*	9.12.2022-12.12.2022

Il-25 ta' Ottubru, 2022

25th October, 2022

Nru. 1463

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Corazon Mizzi bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Vanessa Buttigieg u dan għall-perjodu bejn is-26 ta' Ottubru, 2022 u l-4 ta' Novembru, 2022.

Illum 21 ta' Ottubru, 2022

DOTT. MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1463

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Corazon Mizzi to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Vanessa Buttigieg, for the period between the 26th October, 2022 and the 4th November, 2022.

Today the 21st October, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.), M. NOT. ST (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1464

IL-KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

Nominazzjonijiet għall-Ħatra tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat

SKONT l-Att Numru XXII tal-2007, kif emendat bl-Att VII tal-2015, XXXI tal-2018 u XXXVI tal-2018, biex jirregola organizzazzjonijiet volontarji u l-amministrazzjoni tagħhom; il-Ministru għall-Inklużjoni, Organizzazzjonijiet Volontarji u Drittijiet tal-Konsumatur qed tilqa' applikazzjonijiet għall-ħatra tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat skont sezzjoni 35 tal-Att.

Il-Kunsill għandu jinħatar għal terminu ta' tliet snin u għandu jkun magħmul minn Chairperson u għaxar membri oħra. Minn dawn il-ħdax-il membru għandu jinħatar membru wieħed (1) mill-Ministru biex jirrappreżenta lill-Gvern; erba' (4) membri għandhom jinħatru mill-Ministru minn fost is-settur tal-volontarjat sabiex jirrappreżentaw organizzazzjonijiet volontarji (A); u sitt (6) membri għandhom jiġu eletti direttament mis-settur tal-volontarjat (B).

(A) L-erba' membri maħtura mill-Ministru minn fost is-settur tal-Volontarjat huma kif ġej:

(a) membru wieħed (1) biex jirrappreżenta fundaturi ta' u donaturi għal organizzazzjonijiet volontarji;

(b) membru wieħed (1) biex jirrappreżenta membri ta' organizzazzjonijiet volontarji u voluntiera;

No. 1464

THE MALTA COUNCIL FOR THE VOLUNTARY SECTOR

Nominations for the Appointment of the Malta Council for the Voluntary Sector

IN terms of Act Number XXII of 2007, as amended by Act VII of 2015, XXXI of 2018 and XXXVI of 2018, to regulate voluntary organisations and their administration; the Minister for Inclusion, Voluntary Organisations and Consumer Rights is inviting applications for the appointment of the Malta Council for the Voluntary Sector according to section 35 of the Act.

The Council shall be appointed for a term of three years and shall be composed of a Chairperson and another ten members. Out of these eleven members one (1) member shall be appointed by the Minister to represent the Government; four (4) members shall be appointed by the Minister from among the voluntary sector in order to represent voluntary organisations (A); and six (6) members shall be elected directly by the voluntary sector (B).

(A) The four members appointed by the Minister from among the Voluntary sector are as follows:

(a) one (1) member to represent founders of and donors to voluntary organisations;

(b) one (1) member to represent members of voluntary organisations and volunteers;

(c) membru wieħed (1) biex jirrappreżenta amministraturi ta' organizzazzjonijiet volontarji; u

(d) membru wieħed (1) biex jirrappreżenta organizzazzjonijiet barranin u internazzjonali.

Sakemm ikun hemm aktar minn nomina waħda li tirrappreżenta settur partikolari, il-Ministru għandu jaħtar dawk il-membri minn fost in-nomini li jkunu waslu.

Meta l-ebda nomina ma tiġi riċevuta, il-Ministru għandu jaħtar dawk il-membri fid-diskrezzjoni tiegħu.

(B) Sitt membri eletti direttament mis-settur volontarju biex jirrappreżentaw il-gruppi settorali li ġejjin:

(a) membru wieħed (1) mis-Settur Soċjali u Umanitarju;

(b) membru wieħed (1) mis-Settur tas-Saħħa u Bżonnijiet Speċjali;

(c) membru wieħed (1) mis-Settur tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Sport;

(d) membru wieħed (1) mis-Settur tal-Ambjent u s-Settur tal-Benesseri tal-Annimali;

(e) membru wieħed (1) mis-Settur tal-Arti u l-Kultura; u

(f) membru wieħed (1) mis-Settur tal-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi f'Għawdex.

Persuna m'għandhiex tkun kwalifikata biex tinħatar bħala membru tal-Kunsill jekk dik il-persuna:

a. hija Mħallef, Maġistrat, Membru tal-Kamra tad-Deputati jew Kunsill Lokali, jew kandidat għall-elezzjoni għall-Kamra tad-Deputati jew Kunsill Lokali; jew

b. hija legalment inkapaċitata jew interdetta; jew

c. tkun ġiet ddikjarata falluta jew tkun għamlet kompożizzjoni jew arranġament mal-krediturі tagħha; jew

d. tkun instabet ħatja ta' reat li jolqot il-fiduċja pubblika jew serq jew frodi, jew li xjentement irċeviet proprjetà, kisbet b'serq jew frodi, reat li jolqot l-ordni tal-familja jew ta' reat kontra dan l-Att.

Organizzazzjonijiet Volontarji rreġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji jistgħu jinnominaw kemm persuna nominata għat-Taqsima A (li għandha tiġi maħtura mill-Ministru) kif ukoll persuna nominata taħt it-Taqsima B (li trid tiġi eletta mill-VOs). L-Organizzazzjonijiet Volontarji jistgħu jinnominaw persuna għall-elezzjoni taħt l-istess grupp settorali li jkun ġie avżat u kkonfermat.

(c) one (1) member to represent administrators of voluntary organisations; and

(d) one (1) member to represent foreign and international organisations.

Provided that there is more than one nomination representing a particular sector, the Minister shall appoint such members from among the nominations received.

Where no nominations are received, the Minister shall appoint such members at his discretion.

(B) Six members elected directly by the voluntary sector to represent the following sectoral groups:

(a) one (1) member from the Social and Humanitarian Sector;

(b) one (1) member from the Health and Special Needs Sector;

(c) one (1) member from the Education, Youth and Sport Sector;

(d) one (1) member from the Environmental Sector and the Animal Welfare Sector;

(e) one (1) member from the Arts and Culture Sector; and

(f) one (1) member from the Non-Governmental Organisations Sector in Gozo.

A person shall not be qualified to be appointed as a member of the Council if such person:

a. is a Judge, a Magistrate, a Member of the House of Representatives or a Local Council, or a candidate for election to the House of Representatives or a Local Council; or

b. is legally incapacitated or interdicted; or

c. has been declared bankrupt or has made a composition or arrangement with his creditors; or

d. has been convicted of a crime affecting public trust or theft or fraud, or of knowingly receiving property, obtaining by theft or fraud, a crime affecting the good order of the family or of an offence against this Act.

Voluntary Organisations enrolled with the Commissioner for Voluntary Organisations may nominate both a nominee for Section A (to be appointed by Minister) as well as a nominee under Section B (to be elected by VOs). Voluntary Organisations may nominate a person for election under the same sectoral grouping which has been advised and confirmed.

Nomini minn organizzazzjonijiet volontarji, li jindikaw taħt liema mit-taqsimiet ta' hawn fuq qed isiru n-nomini, kif ukoll curriculum vitae (CV) tal-persuna nominata, għandhom jaslu għand il-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji sal-Ġimgħa, 18 ta' Novembru, 2022.

Nominazzjonijiet MCVS
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji
Sajjan Lane, Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda,
Il-Ħamrun ĦMR 1680
Indirizz elettroniku (commissioner.cvo@gov.mt)

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-MCVS bin-numru tat-telefown 2241 1110.

Il-25 ta' Ottubru, 2022

Nominations from voluntary organisations, indicating under which of the above sections the nominations are being made, as well as a curriculum vitae (CV) of the nominee, will be received by the Commissioner for Voluntary Organisations by Friday, 18th November, 2022.

MCVS Nominations
Office of the Commissioner for Voluntary Organisations
Sajjan Lane, Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda
Ħamrun ĦMR 1680
Email address (commissioner.cvo@gov.mt)

Further information can be obtained from MCVS through telephone number 2241 1110.

25th October, 2022

Nru. 1465

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispozzizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxi b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 46 Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom

No. 1465

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN Terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Revenue hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46 Triq il-Merkanti, Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Micallef Mark	398984M	IV 152221
Zammit Salvina	291671M	IV 152623
Mifsud John	327859M	IV 153592
Portelli Mariella	285171M	IV 153278
Portelli Mariella	285171M	IV 153280
Pellicano Carmel	90655M	IV 153709
Farrugia Mark	528675M	IV 153762
Faenza Joseph	258455M	IV 152720
Farrugia Christopher	152562M	IV 152707
Aquilina Joseph	281066M	IV 152641
Refalo John	244439M	IV 152233
Holmes Doris	891021619	IV 152300
Freeman Maria Dolores	891114015	IV 152368
Vella Philip	3686G	IV 152745
Said Angela	82841G	IV 152723
Grima Francesco Raniero	19984G	IV 152851

Galea Carmel	34356G	IV 152479
Refalo Rose	1163G	IV 152282
Zahra Sylvianne	6385G	IV 152862
C&F Construction Limited	Roc. No. C79417	IV 152863
Bolin Construction Limited	Roc. No. C8698	IV 152775
Elzan Properties Limited et	Roc. No. C86669	IV 152281
Elzan Properties Limited et	Roc. No. C86669	IV 152754
Paul Agius Holdings Limited	Roc. No. C10839	IV 152049
Administration Investment Management Services Limited	Roc. No. C19809	IV 153452

Il-25 ta' Ottubru, 2022 25th October, 2022

Nru. 1466

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI,
L-ARTI U GVERN LOKALI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]
rigward ir-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti
dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali

1. Introduzzjoni

Ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali") jipprovdu li "Sabiex tinħareġ liċenza, permess jew awtorizzazzjoni mill-Kunsill Lokali lil xi persuna għandha ssir applikazzjoni lill-Kunsill Lokali fejn tkun ser issir l-attività fuq il-formola relattiva u din għandha tasal għand il-Kunsill Lokali tal-anqas tmienja u erbgħin siegħa qabel l-attività matul il-ħinijiet tal-ġranet tax-xogħol tal-uffiċċju.".

Ġiet żviluppata sistema onlajn ta' permessi u huwa previst li l-Kunsilli Lokali kollha jkunu jistgħu joħorġu permessi onlajn sal-aħħar tas-sena. Din is-sistema qiegħda tiġi mmonitorjata u kwalunkwe titjib li huwa neċessarju qiegħed isir permezz ta' fondi allokati taħt il-vot speċifiku tal-IT tal-Gvern Lokali.

Is-sistema onlajn hija konformi mar-regolamenti prinċipali. Għaldaqstant kwalunkwe tibdil meħtieġ fir-rigward ta' permessi jew drittijiet irid isir permezz ta' Avviż Legali li jemenda r-regolamenti prinċipali.

L-esperjenza wriet li hemm istanzi fejn ikun meħtieġ li permess jinħareġ qabel it-tmienja u erbgħin siegħa (48), li huwa r-rekwiżit preżenti.

Għaldaqstant qiegħed jiġi propost li d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolamenti prinċipali jiġu emendati sabiex jipprovdu li permess ikun jista' jinħareġ qabel it-tmienja u erbgħin (48) siegħa, liema applikazzjoni hija meqjusa bħala urġenti. F'dan il-każ, peress li (a) il-permess jinħareġ immedjatament; u (b) sabiex jilqgħu għal inkonvenjenza amministrattiva lill-Kunsill Lokali, se jkun japplika dritt addizzjonali ta' tletin euro (€30).

[1]Dawn in-noti ta' spjegazzjoni huma għall-fini ta' u skont l-Iskeda III tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

2. Sommarju u sfond

L-għan ta' dawn l-emendi huwa sabiex jipprovdu li permess ikun jista' jinħareġ qabel it-tmienja u erbgħin (48) siegħa, liema applikazzjoni hija meqjusa bħala urġenti. F'dan il-każ, peress li (a) il-permess jinħareġ immedjatament; u (b) sabiex jilqa' għall-inkonvenjenza amministrattiva lill-Kunsill Lokali, sa jkun japplika dritt addizzjonali ta' tletin euro (€30).

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

L-Avviż Legali jikkonsisti fi tliet (3) regolamenti.

4. Kummentarju fuq il-partijiet u l-artikoli

L-ewwel emenda għar-regolamenti prinċipali tikkonsisti f'żieda ta' proviso wara l-kundizzjoni ġenerali numru 1 fl-Iskeda A li tinsab mar-regolamenti prinċipali. Wara dawn l-emendi, id-dispożizzjoni ser taqra kif ġej:

"1. Sabiex tinħareġ liċenza, permess jew awtorizzazzjoni mill-Kunsill Lokali lil xi persuna għandha ssir applikazzjoni lill-Kunsill Lokali fejn tkun ser issir l-attività fuq il-formola relattiva u din għandha tasal għand il-Kunsill Lokali tal-anqas tmienja u erbgħin siegħa qabel l-attività matul il-ħinijiet tal-ġranet tax-xogħol tal-uffiċċju:

Iżda liċenza, permess jew awtorizzazzjoni tista' tinħareġ mill-Kunsill Lokali anke jekk l-applikazzjoni tasal għand il-Kunsill Lokali f'inqas minn tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel l-attività u kontra l-ħlas tad-drittijiet stabbiliti fl-Iskeda B.".

It-tieni emenda għar-regolamenti prinċipali tikkonsisti f'żieda ta' partita ġdida (i.e partita 13) fl-Iskeda B li tinsab mar-regolamenti prinċipali li se tkun taqra kif ġej:

"13. Għal kull liċenza, permess jew awtorizzazzjoni biex tinħareġ, meta applikazzjoni tiġi ppreżentata lill-Kunsill Lokali f'inqas minn tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel l-attività, għandu jitħallas dritt addizzjonali ta' tletin euro (€30).".

5. Sezzjoni Konklużiva

L-Avviż Legali għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xaharejn (2) minn meta jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

Għal kwalunkwe mistoqsija, tistgħu tikkuntattjaw lid-Diviżjoni għal Gvern Lokali fuq dawn l-indirizzi elettroniċi:

(legal.localgov@gov.mt) jew (customercare.dlg@gov.mt)

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Il-25 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1466

MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE,
THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT

Explanatory Notes[1]
in relation to Activities requiring Permit by Local Councils (Amendment)
Regulations, 2022

1. Introduction

The Activities requiring permit by Local Councils Regulations (hereinafter referred to as "the principal regulations") provide that "For a licence, permit or authorisation to be issued from the Local Council to any person, an application shall be submitted to the Local Council where the activity is to be held, on the prescribed form and this form shall reach the Local Council at least forty-eight hours prior to the activity, during office hours and office days.".

An online permit system has been developed and it is envisaged that all Local Councils would be able to issue permits online by the end of the year. The system is being monitored and any enhancements necessary done through funds allocated under the Local Government IT specific vote.

The online system is in line with the principal regulations. Thus any changes necessitated with respect to permits or fees have to be made by means of a Legal Notice amending the principal regulations.

Experience has shown that there are instances where a permit needs to be issued before forty-eight (48) hours, which is the current requirement.

It is thus being proposed that the relevant provisions of the principal regulations are amended to provide for a permit to be issued before forty-eight (48) hours, which application is deemed to be urgent. In such instance, given that (a) the permit is issued immediately; and (b) in order to cater for the administrative inconvenience to the Local Council, an additional fee of thirty euro (€30) would be applicable.

2. Summary and background

The scope of these amendments is to provide for a permit to be issued before forty-eight (48) hours, which application is deemed to be urgent. In such instance, given that (a) the permit is issued immediately; and (b) in order to cater for the administrative inconvenience to the Local Council, an additional fee of thirty euro (€30) would be applicable.

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

3. Overview of the structure of the instrument.

The Legal Notice consists of three (3) regulations.

4. Commentary on parts and articles

The first amendment to the principal regulations consists in the addition of a proviso to general condition number 1 in Schedule A to the principal regulations. Following these amendments, the provision will read as follows:

"1. For a licence, permit or authorisation to be issued from the Local Council to any person, an application shall be submitted to the Local Council where the activity is to be held, on the prescribed form and this form shall reach the Local Council at least forty-eight hours prior to the activity, during office hours and office days:

Provided that a licence, permit or authorisation may be issued by the Local Council even if an application reaches the Local Council in less than forty-eight (48) hours prior to the activity, against the fees established in Schedule B to the principal regulations.".

The second amendment to the principal regulations consists in the addition of a new item (i.e. item 13) in Schedule B to the principal regulations which will read as follows:

"13. For any licence, permit or authorisation to be issued, when an application reaches the Local Council in less than forty-eight (48) hours prior to the activity, an additional fee of thirty euro (€30) shall be paid.".

5. Concluding Section

The Legal Notice shall come into force within two (2) months from its publication in the Government Gazette.

For any queries, kindly contact the Local Government Division through the following email addresses:
(legal.localgov@gov.mt) or (customercare.dlg@gov.mt)

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

25th October, 2022

Nru. 1467

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fil-Mellieħa, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 1467

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Il-Mellieħa, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

IL-MELLIEĦA

TRIQ IL-QIGĦAN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Vincenzo Ciappara

Left side entering from Triq Vincenzo Ciappara

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	1
Bieb bla numru (Dar)	3
Garaxx	5
Garaxx	7
9, The Meadows	9
11, Chez Anvi	11
13, Dris il-Qamħ	13
15, Sakura	15
Bieb bla numru	17
17, Delli Court	19
Bieb bla numru	21
Daħla għall-garaxxijiet	23
21/2, Sunset Court	25
Garaxx	27
Garaxx	29
21, Sunset Court	31
21/1, Sunset Court	33

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Vincenzo Ciappara

Right side entering from Triq Vincenzo Ciappara

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*

Il-25 ta' Ottubru, 2022

25th October, 2022

Nru. 1468

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN PAWL IL-BAĦAR

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'San Pawl il-Baħar, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 1468

NUMBERING OF DOORS AT SAN PAWL IL-BAĦAR

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at San Pawl il-Baħar, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

SAN PAWL IL-BAĦAR

TRIQ IL-MAJJIERA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Bekkum

Left side entering from Triq il-Bekkum

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Block B Q6	1

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Bekkum

Right side entering from Triq il-Bekkum

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Central Suites Qawra Block A	2

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	3
Block C Q6	5
Bieb bla numru	7
Bieb bla numru	9
Block D Q6	11
Bieb bla numru	13
Bieb bla numru	15
Block E Q6	17
2	19
Bieb bla numru	21
Bieb bla numru	23

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Dar)	4
Briclad Flats	6
1	8
Daħla għall-garaxxijiet	10
Sunstone Court Block A	12
2A, Ħolmitna	14
Bieb bla numru	16
Bieb bla numru	18
Garaxx	20
Sit bla bini	22
Sit bla bini	24
Garaxx	26
Rose	28
Garaxx	30
Jean Rose (Flettijiet)	32
Garaxx	34
Daħla għall-garaxxijiet	36

Il-25 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1469

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'TAS-SLIEMA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija f'Tas-Sliema, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

25th October, 2022

No. 1469

NUMBERING OF DOORS AT TAS-SLIEMA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Tas-Sliema, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

TAS-SLIEMA

TRIQ ĊENSU XERRI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Ix-Xatt ta' Tignè

Left side entering from Ix-Xatt ta' Tignè

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	1
Garaxx	3
14 (Flettijiet)	5
Garaxx	7
Garaxx	9
13	11
13, Bastion View Apartments	13
Daħla għall-garaxxijiet	15
Capital Mansions A	17
Gap (Uffiċċju)	19
Malton Stationery (Ħanut)	21
6, Tignè Point Residence	23
5, Fernbelle	25
JMC Real Estate (Uffiċċju)	27
Garaxx	29
Bieb bla numru	31

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Ix-Xatt ta' Tignè

Right side entering from Ix-Xatt ta' Tignè

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	2
Ħanut	4
10, Solar Court	6
Garaxx	8
Bieb bla numru	10
Sub-Station	12
Sub-Station	14
Bieb bla numru	16
bet365 House	18

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Flettijiet)	33
Ħanut	35
Bieb bla numru (Flettijiet)	37

Il-25 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1470

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 248 tal-5 ta' Marzu, 2004, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mellieħa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

25th October, 2022

No. 1470

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 248 dated 5th March, 2004, under the title 'Renumbering of doors at Il-Mellieħa', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MELLIEĦA

2. TRIQ IL-FORTIZZA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Tas-Salib
Left side entering from Triq Tas-Salib

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Tas-Salib
Right side entering from Triq Tas-Salib

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
18	94
Daħla għall-garaxxijiet	96
Bini qed jinbena (Dar)	98
Bini qed jinbena (Dar)	100
Garaxx	102
Reef Court	104
Garaxx	106
Ridge Court	108
Garaxx	110
Garaxx	112
Sit bla bini	114-124
Garaxx	126

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
94, **Id-Dwejra**	94
Daħla għall-garaxxijiet	96
98A	**98**
Bieb bla numru	**98A**
Bieb bla numru	**100**
102, San Antonio (Garaxx)	102
104, Reef Court	104
Garaxx	106
108, Ridge Court	108
Garaxx	110
Sit bla bini	**112**
Sit bla bini	114
North Hill	**116**
North Hill (Garaxx)	**118**

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Pearl Court	**120**
Sit bla bini	122
Sit bla bini	124
Garaxx	126

Il-25 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1471

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'TAS-SLIEMA

Kjarifika

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1026, tat-22 ta' Settembru, 2017, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Tas-Sliema', għandha ssir din il-kjarifika kif indikat b'tipi **grassi**.

TAS-SLIEMA

TRIQ WINDSOR

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq it-Torri

Left side entering from Triq it-Torri

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq it-Torri

Right side entering from Triq it-Torri

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
The Residence	54
Bieb bla numru (Flettijiet)	56

għandhom jinqraw

should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	**54**
The Residence (Flettijiet)	**56**

Il-25 ta' Ottubru, 2022

25th October, 2022

No. 1471

NUMBERING OF DOORS AT TAS-SLIEMA

Clarification

WITH reference to Government Notice No. 1026, dated 22nd September, 2017, under the title 'Numbering of doors at Tas-Sliema', the following clarification in **bold** should be made.

Nru. 1472

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
25.10.2022	€53.602	€0.606

Il-25 ta' Ottubru, 2022

25th October, 2022

No. 1472

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Nru. 1473

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U UFFIĊJALI TAL-KOMUNITÀ (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1473

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND COMMUNITY OFFICERS (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għall-liċenza bħala Gwardjani Privat
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Michaela Abela	21602H	139, Triq it-Tabib Anton Tabone, Ir-Rabat, Għawdex
Alexandrina Cebotari	203836A	81, Pauline Flat 1, Triq il-Gandoffli, San Pawl il-Baħar
Carmelo Grech	105356M	Blk D, Flat 4, Dawret Ħal Tmin, Iż-Żejtun
Davide Cataudella	157150A	20, Chamonix Flat 2, Triq Misraħ il-Barrieri, Santa Venera
Simona Kostadinovska	300916A	St Paul's Crt, Blk A, Flat 1, Triq il-Qroll, San Pawl il-Baħar
Jacob Ezhamkattil Arun	301934A	138, Whoopie, Triq San Albert, Il-Gżira
Alexandra Curmi	576165M	103, Littlewoods, Triq il-Parilja, Santa Venera
Brian Formosa	396976M	429, Casa D'Amore, Triq San Tumas, Ħal Tarxien
Francois Camilleri	112375M	29, Javier, Triq Erminia Cilia Abela, Ħaż-Żabbar
Francis Cremona	287184M	32, Simone, Flat 1, Triq iż-Żonqor, Santa Venera
Daniel Vassallo	170303L	25, Madonnina, Triq l-Ewwel ta' Novembru 1950, Il-Mosta
Sharise Grech	308304L	9, Sunrise Crt, Flat 1, Triq F. M. Ferretti, Birżebbuġa
Emma Mangion	599591M	La Fayette Crt, Blk C, Flat 6, Vjal il-25 ta' Novembru, Iż-Żejtun
Etienne Ciappara	329075M	Franab, Triq Ramija, Is-Siġġiewi
George Attard	559865M	105, Brothers, Flat 1, Triq il-Fuxa, San Ġwann
Rosa Cassar	70466M	18, Aquarius, Triq Xandru Pulis, Iż-Żejtun
Pauline (Paula) Mifsud	9871M	90, Sardinella, Triq ir-Rebħa, Ir-Rabat
Clint Farrugia	200783M	Alpha Crt, Blk H, Flat 3, Triq Louis Schickluna, Il-Fgura
Josef Zerafa	347086M	20, Vichel, Triq is-Sultana, Raħal Ġdid
Daniel Colombo	280695M	1, St Jude, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann
Maxine Scicluna	51192M	40, Ta'Pinu, Triq Antonia Farrugia, Iż-Żurrieq
Sajib Roy	205103A	Morning Star, Flat 4, Triq Viani, Tas-Sliema
Abdul Momen	295174A	107, Lourdes 2, Triq Tal-Mensija, San Ġwann
Carolina Cilia	649363M	34, Triq Ċensu Borg, Il-Ħamrun
Teresa Farrugia	502462M	39 Rose, Triq Taż-Żibra, Birżebbuġa
Ian Dominic Celeste	263704L	140, Flat 7, Triq San Nikola, Il-Belt Valletta
Anna Hartz	65063M	24, Red Rose, Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq
Patrick Camilleri	530791M	27, Triq il-Karmnu, San Ġiljan

Thomas Zammit	85274M	133, Triq Tumas Chetcuti, Ħ'Attard
Christian Bugeja	228796M	6, Manrit, Triq il-Kittenija, Iż-Żurrieq
Kylie Azzopardi	323604L	Blk 7, Flat 5, Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Il-Birgu
Kassahun Gebreyesus Gebremedhin	60189A	35, Triq l-Assunta, Il-Marsa
Steve Polidano	441885M	381, Flat 6, Triq Ħaż-Żabbar, Il-Fgura
Josmark Mizzi	271577M	Aster, Flat 1, Triq il-Bajjada, Il-Marsa
Nigel Zammit	69388M	25, Il-Gabbiano, Triq Thomas Ashby, Marsaskala
Vincent Spiteri	119355M	Skema 2, Blk 1, Flat 1, Telgħet Raħal Ġdid, Raħal Ġdid
Giampiero Giunta	198819A	Bobbys Tattoo, Triq iċ-Ċern, San Pawl il-Baħar
Rady Nabong San Antonio	180633A	1, Rainbow Crt, Flat 5A, Triq Tal-Ħriereb, L-Imsida
Aurelia Cretu	47774A	146, May Flower, Flat 7, Triq Patri Ġużepp Calleja, San Pawl il-Baħar
Paul Calleja	233664M	3, Redeemer, Triq Katerina Vitale, Santa Luċija
Jamie Nicholas Camilleri	257301L	Corsaire Crt, Flat 9, Triq il-Qawwara, Marsaskala
Azam Khan	312502A	Valley Court, 58, Flat 9, Triq il-Wied tal-Imsida, L-Imsida
Alexandru Nicolae Popa	363238A	Bonnie Flats, Flat 10, Triq Victor Denaro, L-Imsida
Francis Muscat	333975M	Anfield, Triq is-Salina, In-Naxxar
Emanuel Barbara	73255M	56, Flat 2, Triq San Xmun, Il-Fgura
Romina Schembri	464377M	Blk A, Bieb A, Flat 8, Triq Tursin il-Bir, Santa Luċija
Graziella Busuttil	122979M	58, Triq Carlo Manchè, Il-Gżira
Rakibul Islam	263057A	May, Flat 1, Triq Santa Marija, Marsaskala
Ventatesham Gajula	307097A	38, Memories, Triq il-Ħobbejża, Ir-Rabat
Margie Marikit Mangion	189102A	12, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi
Carmen Vella	139873M	5, Sqaq Dun Marju Nru. 2, Ħal Qormi
Rita Calafato	721562M	252, Thomas, Flat 1, Triq il-Kampanella, Il-Fgura
Tania Gauci	439775M	2, Triq San Rafel, Ħal Qormi
Raymond Bartolo	100659M	8, Triq San Pawl, Ir-Rabat
Jesmond Vassallo	580564M	15, La Pinetina, Flat 4, Triq iċ-Ċrieki, Marsaskala
Daniel Lapira	67587M	Blk 3, Flat 1, Triq San Duminku, Il-Belt Valletta
Victor Psaila	534075M	7, Triq Santa Marija, Sqaq Nru. 4, Ħal Għaxaq
Rodianne Frendo	32085M	Blk 5. Hse 1, Triq Falaise, Pembroke
Rafiqul Islam	303551A	58, Changes, Triq Donato Del Piano, Iż-Żurrieq
Abraham Cassar	365802L	Blk 4, Flat 2, Triq Tal-Ġebel, Birżebbuġa
Dylan Zammit	239292M	5, Flat 3, Triq l-Ixprun, Il-Belt Valletta

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Community Officers Act 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew xi mkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-Istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew Forzi Armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(c) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Il-25 ta' Ottubru, 2022

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

25th October, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 179

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta) (Il-Baħrija)

Nhar is-Sibt, it-12 ta' Novembru, 2022, mill-5.15 p.m. sad-9.00 p.m., marċ tal-banda u purċissjoni mill-knisja, Triq Patri Tumas Xerri O. P., Triq il-Qastan, Trejqet it-Tin, Triq is-Sajf ta' San Martin u Triq Dun Saverin Bianco u Triq Bieb ir-Ruwa;

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Novembru, 2022, mis-6.00 a.m. sas-6.00 p.m., minn Triq Patri Tumas Xerri O. P. , Triq Dun Saverin Bianco, Triq il-Lewż u Triq il-Girna.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Ottubru, 2022

POLICE NOTICE

No. 179

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Ir-Rabat (Malta) (Baħrija)

On Saturday, 12th November, 2022, from 5.15 p.m. till 9.00 p.m., band march and procession from church, Triq Patri Tumas Xerri O. P., Triq il-Qastan, Trejqet it-Tin, Triq is-Sajf ta' San Martin u Triq Dun Saverin Bianco and Triq Bieb ir-Ruwa;

On Sunday, 13th November, 2022, from 6.00 a.m. till 6.00 p.m., through Triq Patri Tumas Xerri O. P., Triq Dun Saverin Bianco, Triq il-Lewż and Triq il-Girna.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

25th October, 2022

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 180

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħ'Attard

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Ottubru, 2022, mis-6.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Vjal De Paule.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ta' Sannat

Nhar l-Erbgħa, 2 ta' Novembru, 2022, mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m., ħadd ma jista' jgħaddi minn Pjazza Santa Margerita, Triq Ta' Sannat u Triq ix-Xewkija;

Nhar is-Sibt, 12 ta' Novembru, 2022, mis-7.00 a.m. sal-10.00 a.m., ħadd ma jista' jgħaddi, u se jkun hemm clearance biss quddiem iz-zuntier tal-knisja minn Pjazza Santa Margerita, Triq Dun Xand Aquilina, Triq Santa Marija u Triq Ta' Ċenċ.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Ottubru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 187 tal-2022

Iffilmjar fir-Ramla taċ-Ċirkewwa

Id-Direttorat tal-Portijiet l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti kollha, li se jsir iffilmjar fir-Ramla taċ-Ċirkewwa mill-pożizzjoni approssimattiva A, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

L-iffilmjar se jsir nhar il-Ħamis, 27 ta' Ottubru, 2022, mis-6.00 a.m. sas-7.00 p.m.

POLICE NOTICE

No. 180

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ħ'Attard

On Thursday, 27th October, 2022, from 6.00 a.m. till 2.00 p.m., through Vjal De Paule.

Public transport will be affected.

Ta' Sannat

On Wednesday, 2nd November, 2022, from 5.00 p.m. till 7.00 p.m., no transit through Pjazza Santa Margerita, Triq Ta' Sannat and Triq ix-Xewkija;

On Saturday, 12th November, 2022, from 7.00 a.m. till 10.00 a.m., no transit, clearance only in front of church parvis through Pjazza Santa Margerita, Triq Dun Xand Aquilina, Triq Santa Marija and Triq Ta' Ċenċ.

Public transport may also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

25th October, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 187 of 2022

Filming at Ir-Ramla taċ-Ċirkewwa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners and owners of vessels, that filming activities will take place at Ir-Ramla taċ-Ċirkewwa from the approximate position A, as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The filming will be carried out on Thursday, 27th October, 2022, from 6.00 a.m. till 7.00 p.m.

L-iffilmjar se jsir minn fuq vapur u jkun hemm oħrajn li jassistu waqt l-iffilmjar. Il-bastimenti kollha għandhom iżommu 'l bogħod matul id-data u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Il-baħħara u s-sidien tal-bastimenti huma infurmati li l-orizzont m'għandux ikun ostakolat u għalhekk l-ebda bastiment fil-viċinanzi mhu se jitħalla jitfa' l-ankri jew jibqa' għaddej waqt li jkun qed isir l-iffilmjar fiż-żona.

Baħħara li jinnavigaw fil-viċinanza taż-żona indikata fid-data u l-ħinijiet imsemmija għandhom isegwu fuq VHF Channel 12/16 u għandhom jikkoperaw mal-ekwipaġġ tal-iffilmjar u/jew mal-uffiċjali tal-infurzar fiż-żona.

Kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12/16 minn Valletta VTS għandhom jiġu mħarsa.

Charts affettwati: BA 211, 2537

It-25 ta' Ottubru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 188 tal-2022

Teħid ta' kampjuni tal-ilma minn tliet lokalitajiet differenti madwar Malta – Novembru 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se jittieħdu kampjuni tal-ilma minn tliet lokalitajiet differenti madwar Malta fi kwalunkwe ġurnata bejn it-Tlieta, l-1 ta' Novembru, 2022 u l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022, mit-8.00 a.m. sal-5.00 p.m.

It-teħid ta' kampjuni tal-ilma se jsir minn għaddasa li joperaw mill-bastiment Żibel f'Għar Lapsi, Pembroke u ċ-Ċirkewwa kif imniżżel hawn taħt.

F'Għar Lapsi:

